MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2012

Appell Kriminali Numru. 29/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Anthony Agius)**
**Vs**
**Gerald Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bhala direttur tal-kumpanija HalFar Auto Manufacturing Limited (C 30159) ghas-snin 2004, 2005, 2006, 2007, 2008 u 2009 b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, naqas li jibghat il-formoli tat-taxxa skont id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqas milli jhares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Jannar, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u 23(1)(2) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll ir-regolamenti 15, 20, 21(1) ta’ l-Avviz Legali 88 tas-sena 1998, sabet lil-appellant hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu in kwantu tirreferi ghan-nuqqasijiet sal-1 ta’ Dicembru 2004 u kkundannatu ghal hlas ta’ multa ta’ mitejn u hamsin Euro (€250) . In vista tal-fatt li l-appellant m’ghadux jirraprezenta lis-socjeta` HalFar Auto Manufacturing Limited mhux il-kaz li tigi mposta multa addizzjonali.
Il-Qorti spjegat lill-appellant ai fini ta’ l-artikolu 49(2) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta’ Malta li jekk fi zmien hames snin jerga` jinstab hati ta’ xi reat taht xi wahda mid-disposizzjonijiet ta’ l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta’ l-istess xorta sew jekk le) tinghata sentenza, b’zieda ma kull piena ohra, ta’ mhux inqas minn tlett ijiem prigunerija, u hekk misjub hati ghat-tieni dara w wara, matul l-imsemmija hames snin, minkejja kull id-disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar il-Probation jew f’xi legislazzjoni ohra, jinghata sentenza ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn tlett ijiem, b’zieda ma’ kull piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-28 ta’ Jannar, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tigi kkoncermata fejn helset lill-appellant mill-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghall-perjodu meta ma kiex direttur, cioe` ghas-snin 2005, 2006, 2007, 2008 u 2009 u ukoll f’dik il-parti tas-sentenza li ma mponietx multi addizjonali fuq l-appellant u, abbazi ta’ l-aggravji imsemmija, tirrevoka w thassar dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghas-sena 2004 mhassra w revokata sabiex l-appellant jigi mehlus mill-akkuza.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-imputazzjoni fil-konfront ta' l-appellant biss ghas-sena 2004 hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 688(e) tal-Kap. 9 meta dan applikat ghall-piena fil-kaz ta' l-imputazzjonijiet in kwistjoni kif preskritta fl-artikolu 23(13) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, u kemm-il darba l-Qorti ta' l-Appell ma tilqax dan l-ewwel aggravju, hija s-sottomissjoni umli ta' l-appellant illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi li kellha quddiemha.

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel aggravju tieghu, l-appellant qieghed jecepixxi preliminarjament il-preskrizzjoni ghas-sena 2004 ai termini tal-artikolu 688 (E) tal-Kap 9. Argumenta li la ma kienx jokkupa l-kariga ta' direttur wara l-1 ta' Dicembru ta' l-2004, ir-reat ma baqax wiehed kontinwat kif komtemplat fl-Artiklu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Bir-rispett il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argurment. Dan ghaliex il-Ligi li ghandha tigverna dan il-kaz huwa il-Kap 372 senjament l-Artiklu 23 (12) u (13). Is-Sub Artiklu ta' l-ewwel jispecifika illi z-zmien tal-preskrizzjoni m'ghandu qatt jibda ghaddej qabel ma dak il-persuna tkun osservat ghal kollox id-despozizzjonijiet ta' l-istess Artikoli. Filwaqt il-proviso numru (13) jipprovdi li r-reat jibqa' jezisti sakemm min jaghmel ir-reat ikun konforma u hares id-dispozizzjonijiet ta' dak l-Artikolu jew ta' kull regola msemmija fih. Dan essenzjalment ifisser illi ma hemm l-ebda preskrizzjoni u dan gie imfisser fis-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Avukat Dr. Albert Ganado fejn il-Qorti irriteniet 'il-perjodu tal-preskrizzjoni jista' jibda biss meta tittermina il-vjolazzjoni u ghalhekk f'kaz ta' reat permanenti ma hemmx preskrizzjoni'. Quindi direttur fil-kariga jibqa' responsabbli versu il-Kummissarju tal-VAT ghal dawk is-snin kollha li jkun naqas li jibghat ir-returns u d-dokumenti lil l-istess

Kummissarju u reat kontemplat fil-Kap 372 ghandhom jitqiesu ta' natura permanenti u jibqghu hekk sakemm id-direttur jew il-persuna koncernata totempra ruhu mal-Ligi u jibghat l-informazzjoni rikjesta lil Kummissarju tal-VAT.

Kwistjoni ohra li trid tigi ventilata minn din mil-Qorti tirreferi ghat-tieni aggravju, fejn l-appellant qed jghid illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi li kellha quddiema. Fil-waqt illi approva l-insenjament legali ta' l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, stqar illi l-appellant ghamel minn kollox biex jottnejni l-informazzjoni li ghandu bzonn sabiex jzomm kontroll tal-kumpanija. Kien biss meta din l-informazzjoni ma gietx illi b'sens ta' esasperazzjoni kien irrizenja id-direttur fl-2004.

Jidher illi fuq il-meritu ma hemmx divergenzi bejn dak li qieghed jghid l-appellant u dak illi qalet il-Qorti. L-appellant xhedt illi huwa ipprova jissolecita informazzjoni minghand diretturi ohra u managers tal-kumpanija izda din l-informazzjoni ma inghatitilux. Skond l-appellant dan kellu jkun bizzejjed biex jezimi ir-responsabbilita. L-ewwel Qorti pero derilha mod iehor u strahet fuq l-insenjament tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza il-"Pulizija vs Gaetano Abdilla" deciza fit-28 ta' Lulju ta' l-2003 minn fejn irrizulta li direttur irid jiprova, imqarr fuq bazi ta' probabbilita' mhux biss illi hu ma kienx jaf illi qed isir ir-reat izda <u>ukoll</u> (mhux jew) illi hu kien ezercita l-diligenza kollha xierqa biex jigi evitat dak ir-reat. Fl-istess sentenza dan gie imfisser li dak li jkun, ikun ha attivament passi biex jassigura l-osservanza tal-Ligi. Skond l-istess appellant il-passi illi ha kienu rikjesti ta' informazzjoni. L-istess appellant fir-rikors ta' l-Appell tieghu, fil-paragrafu 4.5 jghid 'Tant kien attivament jiprova jistaqsi dwar l-andament tal-kumpanija, illi meta baqa' ma kellux risposti ghal dak li kien qed jitlob, hu irrizenja.' Bir-rispett dan m'huwiex bizejjed u ma jissodisfax il-vot tal-Ligi. Meta is-sentenza fuq imsemmija titkellem dwar 'Ikun ha attivament passi…' tfisser aktar minn sempliciment mistoqsijiet, izda tfisser li jrid ikollok esperjenza, "hands on" ta' dak kollu li jkun qed jigri fil-kumpanija. Direttur ma jistax jezimi mir-responsabbilta billi jghid illi hu impjega nies sabiex imexxu l-kumpanija u jhalli f'idejhom. Jista'

jkunu nies professjonisti u kompetenti izda direttur dejjem jibqa' responsabbli ghal andament tal-kumpanija u l-osservazzjoni taghha, tal-Ligijiet fiskali tal-pajjiz. Mill-istess rikors ta' l-appellant jidher illi dan ta' l-ahhar naqas illi jkollu din l-esperjenza.

U ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta fir-ragunament taghha. Hu ben saput li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament profondit ta' l-istess, biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinetx ragonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Fl-isfond tas-suespost din il-Qorti ghamlet dan l-apprezzament approfondit u waslet ghal konkluzzjoni li l-ewwel Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghal-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Ghal dawn ir-ragunijiet taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------